31993R1848

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1848/93

tad-9 ta' Lulju 1993

li jistabilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 dwar iċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku għal prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar iċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku għall-prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi, biex tassigura li r-Regolament (KEE) Nru 2082/92 jkun applikat b'uniformità, għandhom ikunu stabbiliti dati ta' l-għeluq preċiżi għall-proċedura tar-reġistrazzjoni;

Billi, biex jitqiesu d-differenzi fis-sitwazzjonijet legali fl-Istati Membri, dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjoni fis-sens tat-tifsira ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92 ippreżentati minn grupp ta' individwi magħquda b'interess komuni tista' tkun ammissibbli;

Billi, biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddefinixxi s-simbolu Komunitarju u l-indikazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikoli 12 u 15 rispetivament tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92, l-informazzjoni meħtieġa għandha tingħabar sabiex tkun tista' ssir l-evalwazzjoni;

Billi dawn l-arranġamenti jikkostitwixxu sistema Komunitarja ġdida bi tweġiba għat-talbiet tal-konsumaturi għall-informazzjoni dwar prodotti tradizzjonali speċifiċi; billi huwa essenzjali li tkun spjegata t-tifsira tas-simbolu u l-indikazzjoni tal-Komunità lill-pubbliku, mingħajr b'daqshekk ma jitneħħa l-bżonn għal dawk li jipproduċu u/jew jipproċessaw biex jippromwovu l-prodotti rispettivi tagħhiom;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2082/92 ma jeskludix l-eżistenza ta' sistema nazzjonali ta' ċertifikazzjoni għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel; billi l-użu, fejn ikun xieraq, ta' simbolu nazzjonali flimkien mas-simbolu tal-Komunità għandu jkun permissibbli fl-ittikkettjar, fil-preżentazzjoni u fir-reklamar ta' dawn il-prodotti;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju taċ-Ċertifikati ta' Karattru Speċifiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT-:

L-Artikolu 1

1. Il-perjodu ta' sitt xhur li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92 għandu jibda jgħodd mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitàjiet Ewropej* li hemm referenza dwaru fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament.

2. Il-perjodu ta' sitt xhur għandu jikkonsisti minn:

— perjodu ta' ħames xhur li matulhom kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun ikkonċernata mir-reġistrazzjoni tista' toġġezzjona għar-reġistrazzjoni ppjanata bis-saħħa ta' l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92, u

— perjodu ta' xahar, jew perjodu itwal sakemm il-perjodu li hemm provvediment dwaru fil-paragrafu 1 jkun osservat, isir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri biex jittrasmettu dawn l-għanijiet lejn il-Kummissjoni.

L-Artikolu 2

Għall-finijiet tat-trasmissjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-limiti taż-żmien stabbiliti għal:

— in-notifika ta' l-oġġezzjonijiet fis-sens tat-tifsira ta' l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92, u

— in-notifika ta' l-oġġezzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet fis-sens tat-tifsira ta' l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92,

għandu jiġi nnotat jew id-data tat-trasmissjoni, fejn it-timbru postali jkun aċċettat bħala d-data tat-trasmissjoni, jew id-data ta' l-iriċevuta meta d-dokumenti ikunu ntbagħtu lejn il-Kummissjoni direttament bit-telex jew bil-fax.

L-Artikolu 3

Meta l-liġi nazzjonali tittratta grupp ta' individwi mingħajr personalità legali bħala persuna legali, l-imsemmi ġrupp ta' l-individwi għandu jkun awtorizzat li jikkonsulta l-applikazzjoni fis-sens u fis-suġġett għall-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92 u li jressaq oġġezzjoni fis-sens u fis-suġġett għall-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 83) ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 4

1. Is-simbolu tal-Komunità li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92 u l-indikazzjoni li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu definiti malajr kemm jista' jkun b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament.

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 9

2. Għal perjodu ta' ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa sabiex tinforma lill-pubbliku dwar it-tifsira ta' l-indikazzjoni u tas-simbolu tal-Komunità. Dawn il-passi ma għandhomx jieħdu l-forma ta' għajnuna favur dawk li jipproduċu u/jew li jipproċessaw.

L-Artikolu 5

L-użu simultanju tas-simbolu tal-Komunità flimkien mas-simboli nazzjonali għandu jkun awtorizzat għall-prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel li jissodisfaw iż-żewġ ħtiġiet tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92 u l-ħtiġiet nazzjonali li magħhom dawk il-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel jikkorrispondu.

L-Artikolu 6

Sussegwentament għar-reġistrazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li kwalunkwe individwu jkun jista' jikkonsulta l-ispeċifikazzjoni tal-prodott agrikolu jew ta' l-oġġett ta' l-ikel li jkun hekk irreġistrat.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-26 ta' Lulju 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni